MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 46/2004/1

**Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul)**

**v.**

**Joseph Azzopardi u Caroline Bianco**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IS-SENTENZA APPELLATA**

1. Dan hu appell kostituzzjonali interpost minn Joseph Azzopardi u Caroline Bianco minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Ottubru 2005, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi li fiha gie deciz li gej,

**“Il-Qorti;**

Rat id-digriet ta’ riferenza tal-Qorti tal-Magistrati moghti fl-1 ta’ Dicembru, 2004 li permezz tieghu l-lanjanza tal-akkuzat giet rimessa quddiem din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha.

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher mill-atti dan l-akkuzat qed jilmenta li meta l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-konfront tieghu moghtija fit-30 ta’ Lulju, 2004 ikkummentat hekk;

“*Din il-Qorti semplicement ma temminx il-verzjoni moghtija minn Bianco u minn Azzopardi; anzi tiddikjara bla tlaqlieq li dawn it-tnejn xehdu l-falz bil-gurament.*”

Fuq il-bazi ta’ din id-dikjarazzjoni l-Pulizija akkuzat lill-istess Joseph Azzopardi u lil Caroline Bianco illi appuntu xehedu l-falz fil-proceduri msemmija. L-akkuzat Azzopardi qed jilmenta illi din id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali kisret id-dritt fundamentali tieghu bhala akkuzat ta’ reat kriminali u cioe’ dak tal-presunzjoni tal-innocenza. Ghalkemm is-subinciz ma giex citat jidher car li huwa qed jirreferi ghal dak hamsa tal-Artiklou 39 tal-Kostituzzjoni illi jghid;

“*Kull min jigi akkuzat b’reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati.*”

Fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropeja jidher ukoll car li huwa qed jirreferi ghas-subinciz tnejn tal-Artikolu 6 illi jghid;

“*Kull min ikun akkuzat b’reat kriminali ghandu jkun meqjus innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi.*”

Mill-kazi riportati tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jidher li l-kazi li gew quddiemha kienu jirrigwardjaw il-hlas tal-ispejjes gudizzjarji li jkunu gew imwaqqfa ghal xi raguni jew ohra. Per ezempju fil-kaz Lutz vs Germanja (25 ta' Awissu, 1987) ir-rikorrenti kien talab rifuzjoni tal-ispejjes legali wara li l-akkuza li kellu kontra tieghu giet irtirata ghaliex kienet preskritta. Il-Qorti Germaniza kienet cahdet it-talba ghaliex skond hi, huwa kien jinstab hati kieku l-kaz ma kienx preskritt. Il-Qorti Ewropeja kienet ikkonkludiet illi dan ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 ghaliex il-kundanna ghall-ispejjes ma kinitx tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' htija. Hemm kazi ohrajn bhal dan izda huwa car li ebda wiehed minn dawn ma japplika ghall-kaz in ezami.

Fil-fehma tal-Qorti l-problema ma tezistix u dan ghal raguni fundamentali. Il-presunzjoni tal-innocenza huwa dritt sakrosant tal-akkuzat *fil-proceduri kriminali nfushom.* Dak li qed jilmenta minnu l-akkuzat hija dikjarazzjoni ta' Qorti *illi ordnat il-proceduri* u mhux l-istess Qorti illi fiha ghaddejjin il-proceduri kontra tieghu. Il-Qrati kollha huma obbligati illi jirrikmandaw jew jordnaw proceduri kriminali kontra xi persuna partikolari jekk fil-kors tas-smiegh tal-provi jaraw illi *prima facie* dik il-persuna tista' tinstab hati (sic) ta' reat.

F'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell ikkummentat dwar ix-xhieda ta' Azzopardi u Bianco meta kienet qed tizen il-piz tal-provi migbura mill-partijiet u huwa naturali jekk thoss li xi hadd kien qed jigdeb tghid dan fil-qari tas-sentenza. Kif sewwa rrimarka l-Avukat Generali l-Qorti msemmija, fil-waqt illi ddikjarat illi skond hi, il-persuni msemmija xehedu falz u ordnat illi jittiehdu passi kriminali kontra taghhom, ikkwalifikat dan bil-kliem "*prevja occorrendo investigazzjoni u indagini ulterjuri da parti tal-Pulizija Esekuttiva.*" Il-Qorti mkien ma kkundannathom dak il-hin ghal dak li rriskontrat fil-kors tas-smiegh tal-provi izda ordnat illi jibdew il-proceduri u tkun imbaghad il-Qorti li quddiemha jinstemghu il-provi fil-proceduri kriminali in kwistjoni illi tiddetermina l-htija jew l-innocenza tal-akkuzati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talba tal-akkuzati Joseph Azzopardi u Caroline Bianco u ssib li d-drittijiet fundamentali taghhom ma gewx miksura u tordna li l-proceduri in kwistjoni jitkomplew u ghal dan il-ghan tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-Qorti tal-Magistrati.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza jigu sapportati (sic) mill-akkuzati."**

**<u>L-APPELL TA' JOSEPH AZZOPARDI U CAROLINE BIANCO</u>**

2.1 L-imsemmija Joseph Azzopardi u Caroline Bianco hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk huma interponew appell minnha ghall-fini tar-revoka taghha u dan billi din il-Qorti Kostituzzjonali tiddeciedi minflok, u tiddikjara li d-drittijiet taghhom, kif sanciti bl-Artikolu 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea gew lezi u ghalhekk "taghti dawk ir-rimedji u direttivi xierqa u opportuni – inkluz li tordna li dawn il-proceduri kriminali jieqfu immedjatament – biex tizgura t-twettiq effettiv ta' l-imsemmija artikoli", bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

2.2 L-aggravji ta' l-appell ta' l-appellanti jistghu succintement jigu migburin fis-segwenti:-

(I) li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata u skorretta meta rriteniet li l-prezunzjoni ta' l-innocenza tinkiser biss fil-proceduri kriminali meta jkun hemm persuna akkuzata.

Hu invece risaput, isostnu l-appellanti, li d-dritt tal-presunzjoni ta' l-innocenza jezisti kemm <u>qabel</u> ma jinbdew il-proceduri, kemm <u>waqt</u> li jkunu ghaddejjin il-proceduri kriminali, u kemm <u>wara</u> li jkunu ntemmu. F'dan ir-rigward l-appellanti jiccitaw minn u jaghmlu riferiment ghal diversi decizjonijiet in materja – fosthom **Il-Pulizija v. Dr Noel Arrigo et**, Qorti Kostituzzjonali 29 ta' Ottubru 2003; **Asan**

**Rushiti v. Austria**, Qorti Ewropea ta’ Strasbourg, 21 ta’ Marzu 2000, **Allenet de Ribemont et v. France** ibid, 23 ta’ Jannar 1995; **Butkevicius v. Lithuania**, ibid, 26 ta’ Marzu 2002; **Daktaras v. Lithuania**, ibid, 10 ta’ Ottubru 2000; **Adolf v. Austria**, ibid, 24 ta’ Frar, 1982.

Fi kliem iehor, l-appellanti ma jaqblux ma’ l-ewwel Qorti in kwantu din irriteniet li dan id-dritt tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza jezisti meta jkun hemm ghaddejjin proceduri kriminali, ghax fil-fatt <u>anke qabel</u> ma dawn jibdew effettivament, dan id-dritt ghandu jibqa’ ggarantit. M’huwiex minnu ghalhekk li dan id-dritt huwa wiehed “sakrosant….fil-proceduri kriminali nfushom biss”. F’**Rushiti v. Austria**, il-Qorti Ewropea ta’ Strasbourg sabet vjolazzjoni ta’ dan id-dritt wara li kienu ntemmu l-proceduri kriminali. F’**Allenet de Ribemont v. France**, l-istess Qorti sabet ksur ta’ l-Artikolu 6 (2) minhabba li qabel ma bdew il-proceduri fil-Qorti l-awtoritajiet “ghamlu dikjarazzjoni li (biha) kisru dan id-dritt”.

(II) bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti jissottomettu wkoll li l-ewwel Qorti xorta wahda messha sabet vjolazzjoni billi l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha l-kompetenza li thares id-drittijiet tal-bniedem imnizzlin fil-Kostituzzjoni mill-Artikolu 33 sa l-Art. 45 meta “kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta’ din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun <u>x’aktarx ser tigi miksura dwarha</u>…..”. Skond l-appellanti, dan ifisser “illi jekk bil-kummenti ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija minnha nhar it-30 ta’ Lulju 2004 id-dritt ta’ l-innocenza kien x’aktarx ser jinkiser fil-proceduri kriminali, mela allura hemm ksur ta’ dawk id-drittijiet fundamentali!”

(III) Illi b’dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza msemmija “mhux talli kien hemm opinjoni li seghet tirrifletti htija (fuq l-appellanti odjerni) imma kien hemm dikjarazzjoni li l-appellanti xehdu l-falz”. L-appellanti ghalhekk jissottomettu li huma ghandhom biza’ “oggettivament gustifikata illi b’effett tad-dikjarazzjonijiet

maghmula mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati li sejra tiggudika ma tistax taghti l-garanzija ta' indipendenza u imparzjalita` oggettiva" u li din il-biza' taghhom tibqa' tissussisti "f'kaz li huma jappellaw u jew il-Pulizija tappella quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali".

(IV) Illi d-"dikjarazzjoni" tal-Qorti ta' Appell Kriminali holqot "inappropriate pressure" fuq il-Qorti tal-Magistrati u minkejja r-riferenza li ghamlet dwar "investigazzjonijiet ulterjuri", dan ma kienx bizzejjed biex isalva l-vjolazzjoni li saret tad-dritt fuq imsemmi. Minbarra wkoll li, bhala fatt, il-Pulizija ma ghamlet l-ebda investigazzjonijiet ulterjuri u qaghdet biss fuq l-ordni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-AVUKAT GENERALI TAR-REPUBBLIKA</u>**

3. L-appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Apparti s-suespost, il-Pulizija ma kienu "bl-ebda mod obbligati li jaghmlu investigazzjonijiet ulterjuri" billi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali halliet din il-kwistjoni fid-diskrezzjoni tal-Pulizija. L-ordni moghtija minn dik il-Qorti "m'hu xejn hlief l-espressjoni orali logika tal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-istess Qorti meta tat l-ordni lill-Pulizija".

Dak li mbaghad qalet l-ewwel Qorti, a differenza ta' dak li fehmu l-appellanti, hu li meta persuna tkun akkuzata quddiem Qorti, dik il-Qorti bl-ebda mod ma ghandha tesprimi ruhha dwar xi htija min-naha tieghu qabel ma tigi biex taghti sentenza. Izda ovvjament, f'cirkostanzi fejn hemm Qorti ohra involuta, dan id-dritt <u>ma jibqax</u> sagrosant." Fil-kaz **Il-Pulizija v. Dr Noel Arrigo et** citat mill-appellanti, il-fatti kienu differenti u f'kull kaz ma kenitx il-Qorti li tkellmet imma l-Prim Ministru li m'ghandu ebda awtorita` guridika. Il-kaz ta' **Asan Rushiti v. Austria**, isostni l-appellat, lanqas kien relatat mal-prezunzjoni ta' l-innocenza waqt il-proceduri gudizzjarji jew minn Qorti Gudizzjarja regolari; filwaqt li **Daktaras v. Lithuania** jirreferi ghal dikjarazzjonijiet minn ufficjal pubbliku, mhux

gudikant f'Qorti regolari, u f'kuntest fejn il-President tad-Divizjoni Kriminali ta' dak il-pajjiz kien daqqa prosekutur u daqqa gudikant ta' l-akkuzat Daktaras. Fil-kaz **Adolf v. Austria** imbaghad il-Qorti indikat li Adolf kien hati ta' att kriminali u waqfet hemm, mentri fil-kaz in ezami ordnat li jittiehdu passi kontra l-appellati mill-Pulizija quddiem Qorti u gudikant iehor. Fil-kaz **Allenet de Ribemont v. France**, imbaghad, il-fatti wkoll kienu differenti ghax dan kien dwar taghrif moghti lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet kriminali.

L-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, meta dan jirreferi ghal meta xi disposizzjoni tkun "x'aktarx se tigi miskura" ikun qed jirreferi ghall-kazi fejn hemm il-possibilita` li jittiehdu azzjonijiet li jiksru tali disposizzjoni. F'dan il-kaz il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma ppronzunjatx lill-appellanti bhala huma "hatjin ta' xi akkuza li kienu qeghdin jidhru dwarha quddiem xi Qorti". Dik il-Qorti ma ordnatx lill-Pulizija biex "bilfors" jaghmlu investigazzjonijiet ulterjuri qabel ma jiehdu passi kontra l-appellanti proprju biex ma tindahalx oltre milli lecitu. Mill-bqija, il-Pulizija kienet diga` familjarji mal-fatti tal-kaz u ghalhekk hija dehrilha li ma kienx hemm il-htiega ta' aktar indagni x'issir.

<u>**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**</u>

4. Il-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma cari bizzejjed u ma jaghtu lok ghal ebda kuntrast bejn il-partijiet. In succint ir-retroxena kollha kienet kif ser jinghad:

Certa Rita Ebejer allegat li garrbet xi griehi ta' natura gravi u l-Pulizija ressqu lil Joseph Azzopardi (odjern ko-appellant) mixli b'dan ir-reat. L-imsemmi Joseph Azzopardi kien gie misjub hati u kkundannat sentejn u nofs prigunerija. Dan appella u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) irriducietlu l-piena inflitta mill-ewwel Qorti ghal wahda ta' ghaxar (10) xhur prigunerija – u dan b'sentenza moghtija fit-30 ta' Lulju, 2004. <u>F'dik is-sentenza</u>, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali <u>inter alia</u> qalet ukoll li gej,

"Din il-Qorti semplicement ma temminx il-verzjoni minn Bianco u minn Azzopardi; anzi tiddikjara bla tlaqliq li

dawn it-tnejn xehdu l-falz bil-gurament. Soprendentement l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li ghandha tiehu passi kontra taghhom; u ghalhekk din il-Qorti, peress li ghandha aktar minn suspett ragjonevoli li dawn xehdu l-falz, ser tipprovdi hi fit-termini ta' l-Artikolu 523 tal-Kodici Kriminali" (ara fol. 25 tal-process)."

Fil-fatt, in epilogu, is-sentenza tikkontjeni s-segwenti ordni:
"U peress li din il-Qorti hi tal-fehma li Caroline Bianco u Joseph Azzopardi xehdu l-falz fid-deposizzjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti tat-23 ta' Marzu 2001, (fol. 44 sa 51) u tal-20 ta' Marzu, 2002 (fol. 125 sa 142 rispettivament) wara li rat l-Artikolu 523 tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmija Caroline Bianco u Joseph Azzopardi jitressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex iwiegbu ghal imputazzjoni ta' spergur, prevja okkorrendo investigazzjoni u indagni ulterjuri da parti tal-Pulizija Ezekuttiva."

Effettivament jirrizulta li l-Pulizija Ezekuttiva, bla ma ghamlet investigazzjonijiet jew xi indagni ulterjuri xliet liz-zewg appellanti bi spergur fil-Qorti tal-Magistrati.

In segwitu, l-akkuzati (iz-zewg appellanti odjerni) ressqu ilment ta' indole kostituzzjonali quddiem dik il-Qorti fuq il-premessa li dawk il-proceduri kriminali "jiksru, jew qed jiksru, jew x'aktarx ser jiksru d-drittijiet fundamentali taghhom ta' presunzjoni ta' l-innocenza u dan kif provdut bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali". Imbaghad, b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-1 ta' Dicembru 2004, saret riferenza kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li, b'sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru 2005, cahdet l-ilmenti taz-zewg appellanti u baghtet lura l-kaz quddiem l-ewwel Qorti biex ikompli jinstema' quddiemha. L-appell in ezami hu proprju minn din is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

5. Kif diga` ntqal <u>supra</u>, l-aggravji ta' l-appellanti huma bbazati fuq l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan ukoll fid-dawl ta' decizjonijiet moghtijin kemm minn dawn il-Qrati kif ukoll mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta' Strasbourg.

Ikun utli qabel xejn li jsir riferiment ghall-artikli surreferiti:
(I) L-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li gej:-
"Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi."

-omissis-

"(5) Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati:"

(II) L-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi li gej:
"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi…"

u (2)

"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi."

6. L-ilment ta' l-appellanti huwa li, bil-kummenti li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwarhom fis-sentenza li hija tat fit-30 ta' Lulju 2004, fil-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**, il-presunzjoni ta' innocenza taghhom, kif protetta bil-precitati artikli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, giet ivvjolata u dan <u>sa minn qabel</u>

ma huma tressqu l-Qorti. Dan ghaliex huwa skorrett li jigi ritenut, kif hemm fis-sentenza appellata, li d-dritt invokat jghodd limitatament ghall-“proceduri kriminali nfushom biss”. Tali presunzjoni testendi invece kemm ghal qabel ma jinbdew xi proceduri, kemm waqt it-tehid taghhom, kemm ukoll wara li dawn jintemmu, isostnu l-appellanti.

7. Din il-Qorti wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet li sarulha min-naha tal-partijiet u ezaminat kemm l-atti tal-kawza, l-artikli citati mill-appellanti kif ukoll il-gurisprudenza in materja ma jidhrilhiex li l-ilmenti ta’ l-appellanti huma fondati u dan ghall-konsiderazzjonijiet li gejjin.

Qabel xejn din il-Qorti ghal darb’ohra tiddeplora l-fatt (ara wkoll is-sentenza ta’ din il-Qorti, kif komposta, fl-ismijiet **Carmel Joseph Farrugia v. l-Avukat Generali** u **l-Kummissarju tal-Pulizija** tad-19 ta’ Ottubru 2005) li mill-atti processwali ma jirrizultax li gew esebiti <u>kopji legali</u> ta’ l-atti tal-proceduri kriminali kontra l-appellanti odjerni kompriza s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tat-30 ta’ Lulju 2004, ghalkemm jirrizulta notament fil-qoxra tal-process (a tergo) li jghid li gej:
“Il-process tal-Qorti Kriminali li kien riferut (sic) b’referenza rega’ gie mghoddi lill-Qorti Kriminali fit-28 ta’ Ottubru, 2005.”

Din il-Qorti tifhem li kemm jista’ jkun ikun jaqbel li l-atti orignali ma joqghodux jghaddu minn Qorti ghal ohra ghal ragunijiet ovvji, izda ma jfissirx b’daqstant li m’ghandhiex issir kopja legali awtentikata ta’ l-istess atti. Fi kwalsiasi kaz, ma hemm l-ebda opposizzjoni ghall-kopji li jinsabu inseriti ma’ l-atti, la min-naha u lanqas minn ohra u ghalhekk din il-Qorti qeghda tqis lill-istess dokumenti bhala prova li ghalihom tista’ taghmel debita riferenza.

8. Ghalkemm l-appellanti ghandhom ragun meta jasserixxu li d-dritt tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza ta’ l-akkuzat ghandu jissussisti kemm qabel kif ukoll waqt, u sahansitra anke wara li jintemmu l-proceduri kriminali, fl-istess waqt htegilhom joqghodu attenti wkoll, u hawn fejn

jiddefettu fir-ragunijiet taghhom – li meta jirreferu ghall-kazistika in materja, huma ghandhom jaraw li l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz li jkun hekk citat ikunu tabilhaqq jattaljaw ghal dak in ezami. Fi kliem iehor, mhux bizzejjed li wiehed jislet principju enuncjat f’kaz kif abbinat ma’ fattispecje partikolari u kemm japplikah f’qafas jew f’cirkostanzi diversi jew differenti minnu. Hekk, per ezempju, fil-kaz quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ta’ Malta in re **Il-Pulizija v. Dr Noel Arrigo et**, id-dikjarazzjonijiet li kienu saru f’dak il-kaz ma kenux sehhew f’ambitu ta’ ordni moghti minn Qorti regolari imma kienu saru minn persuna li kienet tokkupa kariga pubblika ewlenija izda b’ebda konnessjoni ma’ dik gudizzjarja. Kien proprju ghalhekk, u mhux b’kumbinazzjoni li fis-sentenza **Arrigo et**, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet riferiment ghal decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ Strasbourg in re **Butkevicius v. Lithuania** tas-26 ta’ Marzu 2002, ghaliex jidher li fil-kaz ta’ **Butkevicius** irrizulta li kienet saret dikjarazzjoni minn ufficjal pubbliku – u mhux minn Qorti – u in oltre jirrizulta li f’dak li ntqal kien hemm affermazzjoni pubblika rigwardanti l-htija tal-persuna indizjata b’reat kriminali.

Fil-kaz quddiem din il-Qorti, invece, il-pronunzjament sar minn Qorti, imqar jekk anke Qorti tista’ tinstab hatja li vvjolat id-drittijiet ta’ akkuzat fil-kaz kongruwu, u kien cirkoskritt ghal ordni biex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taz-zewg appellanti prevja, okkorrendo, investigazzjonijiet jew indagni ulterjuri min-naha tal-pulizija ezekuttiva. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, il-mizura ordnata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet tinkwadra ruhha fid-dispozittiv ta’ l-Artikolu 523 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kwindi tali ordni ma seta’ qatt jitqies bhala sejbien jew bhala affermazzjoni ta’ htija da parti taz-zewg appellanti, jew xi wiehed minnhom. Kwantu ghall-kliem adoperat minn dik il-Qorti in gustifikazzjoni tal-mizura li hasset li kellha tittiehed, dan ma seta’ qatt jigi interpretat bhala xi pronunzjament jew sentenza ta’ htija li torbot b’xi mod jew li tippregudika l-operat tal-Qorti tal-Magistrati jew, possibilment, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Kien ezercizzju ta’ fakolta` moghti lilha mill-Kodici Kriminali.

9. B'differenza minn dak li gara fil-kazijiet li gew citati mill-appellanti, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, agixxiet fit-termini u skond setgha diskrezzjonarja moghtija lilha mil-ligi stess. Di fatti, dik il-Qorti kienet ferm esplicita fuq dan u kien proprju ghalhekk li hasset il-htiega li taghmel riferiment ghall-Artiklu 523 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9). Dan l-artiklu, li fuqu dik il-Qorti agixxiet, jipprovdi li gej,
"Meta l-qorti jkollha suspett ragjonevli ta' xi prova falza, hija tista' tordna l-arrest tal-persuna suspetta hatja ta' dik il-prova falza; jekk dan jigri quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, din il-qorti tordna li din il-persuna tigi mibghuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-kompilazzjoni mehtiega; u jekk jigri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, din il-qorti tipprocedi <u>ex officio</u>."

10. Jigi osservat li l-appellanti mhumiex qeghdin jintentaw jinficjaw jew b'xi mod jattakkaw il-validita` ta' dan l-artiklu formanti parti mill-Kodici Kriminali ta' Malta. Kwindi, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, assolutament ma tara l-ebda vjolazzjoni bhax-xorta indikata u lamentata miz-zewg appellanti. Huwa minnu li l-Qorti li tat l-ordni setghet evitat milli toqghod tesprimi wkoll is-"sorpriza" taghha ghall-fatt li l-Qorti tal-Magistrati m'ghamlitx bhala u tat ordni simili, imma dan per se` certament mhux bizzejjed biex jilledi minimament id-dritt tal-presunzjoni ta' l-innocenza taz-zewg appellanti.

11. Kwantu ghall-"biza" anticipat mill-appellanti dwar x'jigri fil-possibilita` li fil-gejjieni jista' jissucciedi li huma, jew xi wiehed jew wahda minnhom, ghad jistghu jidhru quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, in konnessjoni ma' l-istess kaz, anke hawn din il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-lanjanza hija wahda attendibbli. Apparti l-fatt li l-appellanti qeghdin jidhlu fl-ambitu tal-mera spekulazzjoni, l-istess ligijiet tal-procedura joffru l-mezz – per ezempju dak tar-rikuza ta' gudikant – kif wiehed jista' jevita certi sitwazzjonijiet legalment inaccettabbli. Dak li hu cert sa issa hu – fatt li donnu sfugga lill-appellanti – li, minkejja li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat l-ordni <u>de quo</u> ai termini ta' l-Artiklu 523 tal-Kap 9 – u dana "bla tlaqlieq" – xorta wahda gharfet tiddistakka ruhha kompletament mill-bqija

tal-mertu li dwaru hija giet dakinhar adita sabiex tiddeciedi u, finalment, spiccat biex, filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-akkuzat Joseph Azzopardi, fl-istess waqt irriduciet sostanzjalment il-piena komminata, jigifieri minn wahda ta' sentejn u nofs prigunerija ghal wahda ta' ghaxar xhur.

12. Din il-Qorti diga` kkummentat supra fis-sens li mhux bizzejjed li wiehed jirreferi ghal decizjonijiet li ghalkemm ikollhom sejbien ta' vjolazzjoni bhax-xorta invokata mill-appellanti, il-fatti tal-kaz ikunu kemmxejn differenti f'dak li hu dettall. Din il-Qorti sejra tirreferi ghall-kazi msemmija mill-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom u tezaminahom b'certu dettall ghaliex minn dan l-ezercizzju ghandu proprju jirrizulta li, bil-maqlub ta' dak li qeghdin isostnu l-appellanti, il-fatti emergenti fil-kazijiet li jsemmu ma jattaljawx ghal kollox mal-kaz taghhom.

13.1 Fil-kaz **Asan Rushiti v. Austria** (Rikors numru 28389/95 deciz fil-21 ta' Marzu, 2000) il-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur ta' l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Kovenzjoni ghar-raguni li wara sentenza ta' liberazzjoni ta' l-akkuzat Rushiti, kien hemm pronunzjamenti mill-Qorti ta' l-Appell ta' Graz (Awstrija) fis-sens li minkejja l-verdett moghti mill-gurati, l-element ta' suspett ma giex imxejjen ghal kollox. Tajjeb li jinghad pero` li dawn il-kummenti kienu qeghdin jirreferu proprju ghall-gudizzju ta' liberazzjoni moghti fil-konfront ta' l-akkuzat u mhux, bhal fil-kaz in ezami, dwar atti (spergur) li l-proceduri dwarhom kien ghad iridu jittiehdu.

13.2 Fil-kaz imbaghad ta' **Allenet de Ribemont v. France** (decizjoni moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg fl-10 ta' Frar 1995) il-fatti kienu wkoll differenti minn dawk quddiem din il-Qorti billi hawn si trattava ta' dikjarazzjonijiet maghmulin minn ufficjali tal-pulizija – mhux minn Qorti – f'ambitu ta' konferenza stampa, u fejn il-kliem li ntqal fil-konfront ta' l-akkuzat kien wiehed ta' pregudizzju. Di fatti il-Qorti Ewropea ta' Strasbourg affermat li gej,
"The Court notes that in the instant case some of the highest ranking officers in the French police referred to Mr

Allenet de Ribemont, without any qualification or reservation, as one of the instigators of a murder. This was clearly a declaration of the applicant's guilt which, firstly, encouraged the public to believe him guilty and, secondly, prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority. There has therefore been a breach of Article 6, para. 2."

Tajjeb li jinghad ukoll li dik is-sentenza ma kenitx unanima billi wiehed mill-Imhallfin, jigifieri l-Imhallef Malti Giuseppe Mifsud Bonnici, esprima opinjoni kuntrarja parzjali in kwantu instabet vjolazzjoni ta' l-Artiklu 6(2) tal-Konvenzjoni. Jinghad ukoll li din is-sentenza waslet biex finalment jinghata kumpens pekunarju u mhux assoluzzjoni minn tehid ta' proceduri kriminali.

13.3 Fil-kaz l-iehor ukoll fl-ismijiet **Butkevicius v. Lithuania** (Rikors numru 48297/99, deciz mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-26 ta' Marzu 2002) jidher li l-fatti huma differenti minn dawk in ezami, imqar jekk dwarhom inter alia dik il-Qorti sabet ksur ta' l-Artiklu 6(2) tal-Konvenzjoni. F'dak il-kaz, kienu saru kummenti f'intervista ghall-istampa li gew ritenuti li kienu ta' pregudizzju ghall-akkuzat u fejn,
"….the impugned statements were made by the Prosecutor General and the Chairman of the Seimas in a context independent of the criminal proceedings themselves, i.e. by way of an interview to the national press."

Madanakollu, dik il-Qorti elaborat inoltre illi;
"The Court acknowledges that the fact that the applicant was an important political figure at the time of the alleged offence required the highest state officials, including the Prosecutor General and the Chairman of the Seimas, to keep the public informed of the alleged offence and the ensuing criminal proceedings. However, it cannot agree with the government's argument that this circumstance could justify any use of words chosen by the officials in their interviews with the press …. it was particularly

important at this initial stage, even before a criminal case had been brought against the applicant, not to make any public allegations which could have been interpreted as confirming the guilt of the applicant in the opinion of certain important public officials."

Dik il-Qorti pero` ghamlitha cara li l-kuntest fejn isiru dikjarazzjonijiet jew kummenti ta' htija simili huwa daqstant iehor imporanti in kwantu rriteniet li,
"Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made."

Tajjeb li jigi osservat li fil-kaz **Butkevicius** ir-rimedju moghti kien wiehed pekunarju.

13.4 Fil-kaz **Daktaras v. Lithuania** (Rikors numru 42095/98, decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea ta' Strasbourg fl-10 ta' Ottubru 2000), il-Qorti Ewropea, ghalkemm irriteniet li l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni jigi miksur
"if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so according the law. It suffices, even in the absence of any formal finding that there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty (see, <u>mutatis mutandis</u>, the **Allenet de Ribemont v. France** (1995)

In this regard the Court emphasises the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of an offence…."

Fl-istess waqt ziedet tghid ukoll li,

"Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the principal of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular

circumstances in which the impugned statement was made (see, inter alia, the **Adolf v. Austria** judgement of 26 March, 1982).”

Fil-kaz **Daktaras**, si trattava ta’ pronunzjamenti ta’ “htija” – u mhux bhall-kaz meritu ta’ dan l-appell – maghmulin minn ufficjal prosekutur moghni b’funzjonijiet kwazi-gudizzjali u in konnessjoni ma’ l-istess proceduri mehudin kontra l-istess akkuzat. Di fatti dik il-Qorti qalet li,
“The Court notes that in the present case the impugned statements were made by the prosecutor not in a context independent of the criminal proceedings themselves, as for instance in a press conference, but in the course of a reasoned decision at a preliminary stage of those proceedings, rejecting the applicant’s request to discontinue the prosecution.

13.5 Fil-kaz in ezami, invece, il-posizzjoni ta’ l-appellanti kienet wahda differenti ghaliex il-provvediment moghti mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kien wiehed kopert mill-Kodici Kriminali (ara Artiklu 523 tal-Kap. 9). Huwa minnu li fl-ordni moghti minn dik il-Qorti, il-gudikant li ppresjeda seta’ evita milli jaghmel xi kummenti superfluwi li, minghajrhom, l-iskop ta’ l-istess ordni kien jintlahaq xorta wahda. Madankollu, il-kummenti in kwistjoni la kienu jammontaw ghal xi dikjarazzjoni ta’ htija ta’ l-appellanti u lanqas ma jistghu jiqiesu li kienu ser jippregudikaw proceduri ohrajn li setghu jittiehdu kontrihom, kif fil-fatt irrizulta li ttiehdu . Kull kumment li sar mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kien fl-ambitu ta’ l-Artiklu 523 tal-Kap. 9. Minn dan ghandu jsegwi, u dan hu l-qofol tal-kwistjoni, li kull kumment li sar mill-Qorti kellu ragonevolment jigi interpretat u miftiehem fid-dawl ta’ l-imsemmi Artikolu 523 tal-Kap. 9 u cioe` kien taht il-kappa ta’ suspett ragjonevoli u mhux ta’ xi dikjarazzjoni dwar sejbien ta’ htija fl-agir ta’ l-appellanti meta kienu fil-pedana tax-xhieda. Ghalhekk l-operat tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali la kien jikser u lanqas kien wiehed li seta’ jikser id-disposizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas tal-Kostituzzjoni kif sottomess mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma d-decide tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kwantu bbazata pero` fuq ir-ragunijet hawn fuq esposti, tichad l-appell taz-zewg rikorrenti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------